**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors Nru : 286/16 AL

**AB**

**-u-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (1998), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A'**.

2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel, senjatament N illi twieled fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001).

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dan skond ma

jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Dr. Robert Micallef, illi kopja awtentika tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. 'B'**.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari godda.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment, b'dan illi ai termini tat-tieni (2) klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

5. Illi in oltre u ghal dak illi jirrigwarda l-manteniment ghall-imsemmi minuri z-zewg partijiet huma responsabbli b'mod ugwali bejniethom illi jmantnu lil binhom minuri meta jkun fil-kustodja rispettiva taghhom, u dan ai termini tal-klawsola 3(h) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Illi qed jigu annessi mar-rikors odjern l-affidavits tar-rikorrenti liema affidavits qed jigu esebiti u mmarkati bhala **'Dok. C'**u **'D'**.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg(divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

U dan that dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Gunju, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta’ Novembru 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.